

Brussell, 5 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

9876/25

POLMAR 40  
POLGEN 61  
CLIMA 194  
COMAR 25  
ENV 456  
ENER 197  
MAR 93  
MARE 24  
PECHE 157  
PROCIV 63  
RELEX 709  
RECH 259  
SUSTDEV 41  
TRANS 223

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 281 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ewropew għall-Oċeani

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 281 final.

Mehmuż: COM(2025) 281 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.6.2025  
COM(2025) 281 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Patt Ewropew għall-Oċeani**

## Il-Patt Ewropew għall-Oċeani

L-oċeani u l-ibħra huma kruċjali għall-ħajja fid-dinja, il-prosperità, il-kompetittività, is-sigurtà u futur sostenibbli. L-oċean huwa kruċjali għar-riżorsi ta' enerġija, data u riżorsi strateġiċi kif ukoll għar-regolamentazzjoni tal-klima tad-dinja.

L-Unjoni Ewropea tmexxi l-akbar żona marittima kollettiva fid-dinja, b'25 miljun km<sup>2</sup> ta' Żoni Ekonomiċi Esklussivi (ŻEE) madwar l-Istati Membri, ir-reġjuni ultraperiferiċi<sup>1</sup> u t-territorji extra-Ewropej tagħha. B'madwar 70,000 km ta' kosta u 40 % tal-popolazzjoni tagħha jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar, l-UE għandha interess kritiku fi kwistjonijiet marittimi. Il-fruntieri marittimi tal-Unjoni jestendu sal-Karibew, l-Oċean Atlantiku u l-Oċean Indjan bis-saħħa tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha. L-ekonomija blu tagħha tappoġġa direttament kważi 5 miljun impjeg u tikkontribwixxi aktar minn €250 biljun f'valur miżjud gross annwali għall-ekonomija tal-UE<sup>2</sup>. Ir-rotot marittimi jgħorru madwar 74 % tal-kummerċ estern tal-UE, u l-kejbils tal-komunikazzjoni ta' taħt l-ilma jgħorru 99 % tat-traffiku interkontinentali tal-internet.

Fl-istess ħin, is-saħħa tal-oċean tagħna qed tiddeterjora minħabba l-impatti kumulattivi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis, u l-isfruttament żejjed tar-riżorsi tal-baħar. Dawn l-isfidi ambjentali huma aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru, li mhux biss huma ta' sfida għall-governanza kooperattiva imma wkoll ta' theddida għas-sigurtà tagħna. Il-libertà ta' navigazzjoni u l-libertà ta' azzjoni fuq il-baħar qed jiġu dejjem aktar ikkontestati, u l-infrastrutturi marittimi kritiċi huma mhedda. It-theddid ibridu u l-attakki ċibernetiċi ma jirrispettawx la l-fruntieri, u lanqas is-sigurtà fuq il-baħar. Il-protezzjoni tal-fruntieri u tal-infrastruttura Ewropej saret prijorità.

Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kollha u tissaħħaħ it-tmexxija tal-Ewropa fil-politiki dwar l-Oċeani, il-Patt Ewropew għall-Oċeani jibni fuq il-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi eżistenti u, għall-ewwel darba, se jipprovdi approċċ olistiku fl-oqsma ta' politika kollha. Se jintroduċi qafas ta' referenza uniku mmirat lejn ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi ta' koordinazzjoni, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u l-offerta ta' strateġija għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet eżistenti u l-kisba tal-għanijiet ta' politika b'mod aktar koerenti fis-setturi kollha. Dan iwitti t-triq għal **Unjoni tal-Oċeani**, inkluż Att dwar l-Oċeani li jibni fuq id-Direttiva eżistenti dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, u jingrana l-potenzjal enormi tal-oċean għar-reżiljenza, is-sovranià tal-ikel, il-provvista tal-enerġija, is-sigurtà u l-kompetittività tal-Ewropa. Se jsaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' inizjattivi internazzjonali.

Dan il-Patt se jappoġġa sitt prijoritajiet:

- il-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-oċeani,
- l-ixprunar tal-kompetittività sostenibbli tal-ekonomija blu,
- l-appoġġ għall-komunitajiet kostali, tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi,
- l-avvanz tar-riċerka, l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni tal-oċeani,
- it-tiżiħ tas-sigurtà u d-difiża marittima bħala prerekwiżit,
- it-tiżiħ tad-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani u tal-governanza internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

<sup>1</sup> Il-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja).

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2025). Ir-Rapport dwar l-Ekonomija Blu tal-UE 2025.


Il-Patt jimmira għal approċċ olistiku u kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi s-sajjieda, il-professjonisti, l-innovaturi, l-investituri, u x-xjenzati tal-ekonomija blu kif ukoll is-soċjetà ċivili. Il-Patt għall-Oċeani se jiġi aġġornat hekk kif jevolvu l-ħtiġijiet.

## 1. Qafas ta' Governanza Msaħħa

Huwa meħtieġ **qafas ta' governanza b'saħħtu** biex jiġu allinjati l-azzjonijiet fil-livelli tal-Unjoni, reġjonali, nazzjonali u dawk lokali għad-diversi baċiri tal-baħar, li jinvolvu kemm il-pajjiżi tal-UE kif ukoll dawk mhux tal-UE.

### 1.1. Implimentazzjoni tal-objettivi relatati mal-oċeani

Lil hinn mil-leġiżlazzjoni direttament rilevanti bħar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) jew id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSPD), il-leġiżlazzjoni u l-politika tal-UE jstabbilixxu firxa wiesgħa ta' miri kemm vinkolanti kif ukoll ta' aspirazzjoni dwar il-preservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani. Jenħtieġ li l-governanza msaħħa tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' tali miri u tiżgura l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti b'mod koerenti.



Illustrazzjoni: għażla ta' miri vinkolanti relatati mal-oċeani fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Abbażi ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, sal-2027 **il-Kummissjoni se tipproponi "Att dwar l-Oċeani" li se jibni fuq reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP.** Se jkollu l-għan li jsahha u jimmodernizza l-ippjanar tal-ispazju marittimu bħala għodda strateġika li se taqdi l-prijoritajiet tal-Patt għall-Oċeani u l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' aktar koordinazzjoni transsettorjali fil-livell nazzjonali u permezz ta' approċċ organizzat aħjar tal-baċiri tal-baħar. **L-Att se jagħmel referenza għall-miri rilevanti, sabiex ikunu identifikabbli taħt saqaf wieħed, u se jiffaċilita l-implimentazzjoni koerenti u effettiva tagħhom.**

**Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tissimplifika u tissinkronizza l-obbligi ta' rapportar relatati mal-oċeani għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni eżistenti, bl-għan li żżid iċ-ċarezza**

legali u l-koerenza tal-politika, filwaqt li tnaqqas il-piż amministrattiv. Se tivvaluta wkoll modi kif tappoġġa l-implimentazzjoni tal-obbligi relatati mal-oċeani.

**Biex timmonitorja u tirrapporta l-progress dwar l-indikaturi u l-miri rilevanti tal-Patt, il-Kummissjoni se toħloq “dashboard tal-Patt tal-UE għall-Oċeani” pubbliku, li jikkontribwixxi għal Rapport dwar l-Istat tal-Patt għall-Oċeani regolari, li jikkapitalizza fuq rapporti u assi eżistenti, bħall-Osservatorju tal-Ekonomija Blu tal-UE, il-Programm Spazjali tal-UE inkluż Copernicus, għodod diġitali u filwaqt li jitqies il-prinċipju ta’ darba biss.**

Il-ħidma mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-politiki kollha relatati mal-oċeani se tkun ta’ importanza kruċjali. B’inspirazzjoni mill-Bord Ewropew għall-Agricoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Bord tal-Oċeani** ta’ livell għoli, magħmul minn rappreżentanti mis-setturi rilevanti marbuta mal-Oċeani. Il-Bord se jkun strumentali sabiex jappoġġa lill-Kummissjoni fil-kompitu tagħha li timmonitorja u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Patt għall-Oċeani.

## 1.2. Naħdmu flimkien fil-livell reġjonali

L-għadd dejjem jikber ta’ attivitajiet marittimi — l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura, it-tbaħħir, ir-rikreazzjoni u t-turiżmu kostali, fost oħrajn — qed joħloq pressjoni fuq l-ispazju limitat tal-oċeani. Filwaqt li xi attivitajiet jeħtieġu oqsma ddedikati, parti mit-triq ’il quddiem tinsab fi ppjanar aktar ikkoordinat li jibbilanċja l-użu individwali u dak kondiviż tal-baħar fi ħdan il-limiti ekoloġiċi u l-konservazzjoni tiegħu, li jrawwem il-koeżistenza ta’ diversi attivitajiet marittimi, li jiprijoritizza l-inklużjoni, l-ekwità u s-solidarjetà.

L-UE tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali fis-sajd, l-ekonomija blu usa’ u l-protezzjoni ambjentali permezz ta’ oqfsa reġjonali, bħall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd u l-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali, li huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u tal-MSFD. Erba’ inizjattivi tal-baċiri tal-baħar ikkontribwew ukoll għall-avvanz tal-ekonomija blu sostenibbli. Apparti minn hekk, dawn l-isforzi ssaħħu permezz ta’ oqfsa ta’ kooperazzjoni flessibbli bħall-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant, u l-kooperazzjoni reġjonali fil-baċir tal-Baħar l-Iswed.

Jeħtieġ li l-UE tiegħu l-kooperazzjonijiet varji għal-livell li jmiss b’mod aktar sinerġetiku biex tottimizza l-użu tal-ispazju tal-baħar tagħha. Il-prattiki b’użu multiplu u ż-żoni li jinvolvu l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, flimkien ma’ teknoloġiji nodfa, Prattiki ta’ konservazzjoni u restawr, is-sajd jew l-akkwakultura sostenibbli kollha huma toroq promettenti għall-futur.

Permezz tal-proposta li jmiss għal “Att dwar l-Oċeani”, l-Istati Membri se jiġu mħeġġa jimxu minn approċċ nazzjonali għal approċċ fil-livell tal-baċir tal-baħar. F’dan ir-rigward, huma ser jiġu mħeġġa jikkooperaw mal-pajjiżi ġirien, fost il-korpi ta’ kooperazzjoni reġjonali eżistenti, permezz ta’ strateġiji makroreġjonali tal-UE, kif ukoll jibnu fuq il-Missjoni tal-UE “Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna” fanali fuq skala ta’ baċiri.

B’segwitu għall-“Att dwar l-Oċeani”, se tingħata attenzjoni speċifika lil:

- **Il-Baħar Baltiku** bħala prijorità urġenti: Fl-2025, il-Kummissjoni se torganizza **avveniment ta’ livell għoli “Il-Baltiku Tagħna”** bħala l-punt tat-tluq għal approċċ imġedded u olistiku biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ekosistema, it-tniġġis mill-art u mill-baħar, it-tisħiħ tas-sigurtà, il-ġestjoni ambjentali u tas-sajd, u l-appoġġ tal-komunitajiet

kostali, f'kooperazzjoni mal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u mal-korpi reġjonali eżistenti.

- **L-approċċ strateġiku ġdid għall-Baħar l-Iswed**, li jstabbilixxi qafas tal-politika li jħares' il quddiem imfassal biex jindirizza l-isfidi reġjonali permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku. Adottat f'Mejju 2025<sup>3</sup>, jinkludi azzjonijiet iffukati fuq: (1) it-tisħiħ tas-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza, (2) it-trawwim tat-tkabbir sostenibbli u l-prosperità, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija blu, (3) il-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali, ir-reżiljenza u t-tnejn għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ċivili — b'enfasi speċjali fuq iż-żoni kostali.
- **Il-Patt għall-Mediterran** il-ġdid se jwitti t-triq lejn spazju komuni ta' paċi, prosperità u stabbiltà fir-reġjun tal-Mediterran, filwaqt li jibni fuq il-pedamenti tal-Aġenda għall-Mediterran 2021. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Unjoni għall-Mediterran, se tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġija għall-baċiri tal-baħar tal-ekonomija blu fil-Lvant tal-Mediterran, li bħalissa ma għandhiex struttura ddedikata għall-kooperazzjoni, ibbażata fuq il-format tal-Inizjattiva tal-WestMed u f'kooperazzjoni mal-korpi reġjonali eżistenti.
- **L-Artiku**, b'mod partikolari l-Oċean Artiku, li huwa essenzjali għall-klima globali u għall-bijodiversità, is-sigurtà u l-konnettività tal-baħar: il-politika tal-UE dwar l-Artiku sservi bħala mudell għad-diplomazija, il-kooperazzjoni u l-multilateraliżmu tagħha dwar l-oċeani u għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha ma' Greenland, il-Gżejjer Faeroe, l-Iżlanda u n-Norveġja, filwaqt li żżomm l-istandards tal-UE u tiskambja l-aħjar prattiki globalment.

Il-Kummissjoni se tipprijoritizza l-aċċess stabbli u prevedibbli għall-ilmijiet ġirien kollha, filwaqt li tiżgura l-użu ġust u ekwu tar-riżorsi tal-baħar.

### **1.3. L-Isfruttar tal-Appoġġ Finanzjarju**

#### ***Il-finanzjament tal-Oċeani***

L-inizjattivi fil-Patt għall-Oċeani jeħtieġu investimenti u finanzjament minn sorsi privati u pubbliċi. Approċċ integrat għall-finanzjament u l-politiki rilevanti għall-oċeani se jkopri firxa wiesgħa ta' elementi: il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar bħala waħda mill-ħames kompetenzi esklużivi tal-UE, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, l-attivitajiet dwar l-implimentazzjoni tal-PKS, l-għarfien dwar l-oċeani, is-sigurtà marittima, is-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp u l-espansjoni ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, inkluż l-enerġija lil hinn mill-kosta u mill-oċeani, il-bijoteknoloġija u d-desalinazzjoni, is-salvagwardja tal-wirt kulturali ta' taħt l-ilma, l-appoġġ għal setturi u industriji oħra tal-ekonomija blu biex isiru newtrali għall-klima, l-użu ta' soluzzjonijiet intelliġenti, kif ukoll l-appoġġ għall-ippjanar tal-ispazju marittimu.

L-Istati Membri għandhom jużaw parti mid-dħul li qed jiksbu mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System) — li issa tkopri l-emissjonijiet mit-trasport marittimu — biex jinvestu fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur

---

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni Kongunta "The European Union's strategic approach to the Black Sea region", JOIN(2025) 135 final.

marittimu, inkluż permezz tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bastimenti, tal-portijiet, tat-teknoloġiji innovattivi u tal-infrastruttura.

### ***Ninvestu fl-ekonomija blu u fl-innovazzjoni***

**Start-ups u scale-ups** Ewropej li jixprunaw l-innovazzjonijiet tal-ekonomija blu jiffaċċjaw sfidi sinifikanti, bħal aċċess limitat għall-kapital ta' riskju u ostakli regolatorji. L-istimi jissuġġerixxu li l-SMEs tal-ekonomija blu fl-UE jiffaċċjaw diskrepanza fil-finanzjament ta' bejn €60 u 70 biljun<sup>4</sup>. Ir-riżorsi tal-UE waħedhom ma jkunux biżżejjed biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment. Għalhekk, l-għaqda ta' sorsi pubbliċi u privati hija kruċjali.

Il-**Programm InvestEU** tal-Kummissjoni Ewropea, li jipprovdi garanzija implimentata mill-BEI, mill-banek promozzjonali nazzjonali u mill-istituzzjonijiet ta' finanzjament multilaterali, jimmobilizza investimenti privati li jappoġġaw firxa wiesgħa ta' investimenti fl-ekonomija blu fi stadji differenti. B'mod indikattiv, l-investimenti rilevanti jvarjaw minn teknoloġiji jew soluzzjonijiet ta' sostenibbiltà ambjentali għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-ekoloġizzazzjoni tal-portijiet u tat-tbajr, l-akkwakultura, l-iżvilupp kostali, it-turiżmu, l-ekonomija ċirkolari. Dan jinkludi wkoll investimenti fir-RŻI għal teknoloġiji strateġiċi tal-oċeani u tas-satelliti, id-diġitalizzazzjoni, l-applikazzjonijiet tal-IA, il-manifattura avvanzata, u r-robotika ta' taħt l-ilma. S'issa, InvestEU appoġġa investimenti b'valur ta' aktar minn €15-il biljun. B'ħarsa' l quddiem, InvestEU se jkompli jappoġġa proġetti tal-ekonomija blu investibbli b'servizzi ta' finanzjament u ta' konsulenza għall-perjodu ta' programmazzjoni li jifdal.

Il-**pjattaforma BlueInvest** għandha rwol ċentrali fl-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-ekonomija blu. Għandha l-għan li, sal-2028, timmobilizza aktar minn €1 biljun f'investimenti pubbliċi u privati. Din tappoġġa, fost l-oħrajn, fondi ta' kapital ta' riskju li jiffukaw fuq proġetti tal-ekonomija blu permezz tal-prodotti ta' ekwità InvestEU tal-Fond Ewropew tal-Investment. B'mod parallel, il-pjattaforma BlueInvest, taċċellera t-tkabbir tan-negozju għall-SMEs u l-istart-ups Ewropej billi tipprovdihom il-bini tal-kapaċitajiet, it-tnejn għall-investment u l-appoġġ għall-għbir ta' fondi.<sup>5</sup> Bl-enfasi mġedda tal-Patt għall-Oċeani fuq l-ekonomija blu, l-appoġġ finanzjarju u konsultattiv li jaq' fl-ambitu tal-pjattaforma BlueInvest se jiġi intensifikat.

L-**Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up**<sup>6</sup> li għandha l-għan li tpoġġi lill-UE bħala l-aħjar post fid-dinja biex tibda u tespandi il-kumpaniji xprunati mit-teknoloġija se tkopri wkoll it-teknoloġija blu. Dan se jkun ta' benefiċċju għall-ekonomija blu b'mod partikolari permezz tas-simplifikazzjoni regolatorja, inkluż permezz tat-“28 reġim”<sup>7</sup>, l-appoġġ għall-innovazzjoni, l-akkwist tat-talenti u l-iżvilupp tal-ħiliet, kif ukoll l-integrazzjoni ma' inizjattivi usa' tal-UE.

<sup>4</sup> [Studju li jappoġġa l-investment għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu — L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#), 2018.

<sup>5</sup> [https://maritime-forum.ec.europa.eu/theme/investments/blueinvest\\_en](https://maritime-forum.ec.europa.eu/theme/investments/blueinvest_en).

<sup>6</sup> “L-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up. Agħżel l-Ewropa biex tibda u tespandi”, COM (2025) 270 final.

<sup>7</sup> It-28 reġim se jipprovdi sett uniku ta' regoli, potenzjalment b'mod progressiv u modulari. Dan ikun jinkludi qafas legali korporattiv tal-UE, ibbażat fuq soluzzjonijiet diġitali b'mod awtomatiku, u se jgħin lill-kumpaniji jegħlbu l-ostakli meta jstabbilixxu u joperaw fis-Suq Uniku kollu. Biex jagħmel dan, se jissimplifika r-regoli applikabbli u jnaqqas il-kost tal-falliment billi jindirizza aspetti speċifiċi fl-oqsma rilevanti tal-liġi, inkluż il-liġi dwar l-insolvenza, ix-xogħol u t-taxxa.

**Il-Pjattaforma Tematika ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għal ekonomija blu sostenibbli** se tiġi żviluppata aktar bħala għodda biex jitrawmu ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Istati Membri u r-reġjuni u biex jiġu attirati investimenti fl-innovazzjoni biex tingħata spinta lill-kompetittività tas-setturi tal-ekonomija blu.

Il-Kummissjoni se tkompli **taħdem mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment** u ma' sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni ta' InvestEU għall-**ingranaġġ tal-investimenti privati** u għat-**tnaqqis tar-riskju tal-kapital privat**, inkluż:

- **It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet kostali** u t-twassil ta' benefiċċji ekoloġiċi, klimatiċi, ekonomiċi u soċjali, permezz tal-finanzjament tal-UE mill-fondi strutturali u ta' koeżjoni, kif ukoll permezz tal-Horizon, inklużi programmi tal-Missjoni dwar l-Oċeani u s-self tal-BEI.
- L-isfruttar ta' aktar investment fl-innovazzjoni tal-oċeani, billi titnieda **inizjattiva ta' mmappjar tal-investment** li se tidentifika soluzzjonijiet finanzjarji li jaċċelleraw l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-ekonomija blu.
- **It-tisħiħ tal-appoġġ konsultattiv** taħt l-inizjattiva Blue Champions biex tittejjeb it-tnejn għall-investment u biex jinstabu soluzzjonijiet finanzjarji għal innovaturi relatati mal-oċeani u biex jitħaffef l-użu ta' teknoloġiji u riżultati ġodda tax-xjenza.

**Azzjonijiet ewlenin — governanza:**

- L-Att dwar l-Oċeani
- Id-Dashboard tal-Patt tal-UE għall-Oċeani
- Il-Bord tal-Oċeani

**Finanzjament**

- It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet kostali permezz tal-finanzjament tal-UE u s-self tal-BEI
- L-intensifikazzjoni tal-appoġġ finanzjarju u konsultattiv li jaqa' fl-ambitu tal-pjattaforma BlueInvest

## 2. Approċċ integrat għas-saħħa u s-sostenibbiltà tal-oċeani

Ġew stabbiliti objettivi sinifikanti tal-UE u l-inizjattivi tal-UE wasslu għal progress fis-saħħa tal-Oċeani. Iżda l-ambjent tal-baħar qed ikompli jiddegrada, u l-oċean u d-diversità tal-ħajja li jappoġġa għadhom vulnerabbli. L-iskollijiet tal-qroll, eżempju — jospitaw madwar kwart tal-ispeċijiet kollha tal-baħar — qed jiġu affettwati dejjem aktar mit-tisħin tal-ilmijiet u mill-kimika tal-oċeani li qed tinbidel, u dan idgħajjef ir-reżiljenza tagħhom. Ħafna habitats tal-baħar u wirt kulturali tal-baħar, minn merġat tal-algi sa mangrovji, għadhom qed jiffaċċjaw pressjonijiet minn attivitajiet tal-bniedem tal-baħar u interni li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima. It-titjib u s-sostenn tas-saħħa tal-oċean jeħtieġu impenn, innovazzjoni, u kollaborazzjoni fil-livelli kollha, inkluż globalment<sup>8</sup>.

<sup>8</sup>Ara t-taqsimha 7.

Din il-Komunikazzjoni tipproponi azzjonijiet ibbażati fuq erba' prinċipji ewlenin: approċċ mis-sors għall-baħar dwar l-indirizzar tat-tniġġis; prinċipju ta' prekawzjoni; approċċ ibbażat fuq ix-xjenza għad-deċiżjonijiet ta' politika; u approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi.

## **2.1. L-Oċean bħala alleat fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

L-Oċean huwa l-akbar bir ta' karbonju fil-pjaneta tagħna, li jassorbi 30 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-karbonju. Għandu rwol vitali fir-regolamentazzjoni tal-klima, fis-sekwestru tal-karbonju u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Din il-kapaċità hija pperikolata miż-żieda fit-temperaturi, it-telf tal-bijodiversità, l-aċidifikazzjoni u d-deossiġenazzjoni.

Min-naħa l-oħra, ir-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u l-bini mill-ġdid tal-bijodiversità jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis fir-ritmu tat-tiġin globali, billi jżidu l-funzjoni tal-qbid tal-karbonju tal-oċean. It-tiġin u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani huma prinċipalment ikkawżati mill-emissjonijiet tal-karbonju mill-ħruq tal-fjuwils fossili. Għalhekk, it-tweġġiq tal-oġettivi klimatiki tagħna u l-involviment fid-diplomazija dwar il-klima biex emittenti ewlenin oħra jaslu biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra huma essenzjali biex jiġu miġġielda t-tiġin u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani. Barra minn hekk, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, li altrimenti jikkawżaw it-tiġin tal-oċeani u jipperikolaw is-saħħa u l-prosperità tal-oċeani, u tnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili, inkluż dak estratt minn qiegħ il-baħar, u b'hekk, fir-rigward tar-riskji fuq l-ekosistemi tal-baħar inkluż qiegħ il-baħar, issaħħaħ is-sigurtà u s-sovranià tal-enerġija tal-UE f'konformità mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE.

Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu restawrati l-ħabitats kostali u tal-baħar degradati biex tintlaħaq il-mira legalment vinkolanti skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura li sal-2030 jiġu koperti mill-inqas 20 % taż-żoni tal-baħar tal-UE bil-miżuri meħtieġa u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050.

**Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-komunitajiet kostali biex jibnu mudelli kummerċjali ġodda li jkunu ta' benefiċċju kemm għan-natura kif ukoll għan-nies inklużi r-riżervi Ewropej tal-karbonju blu, filwaqt li tqis il-linji gwida tal-UNFCCC<sup>9</sup>.**

## **2.2. Il-protezzjoni u r-restawr tal-ħajja tal-baħar u s-servizzi essenzjali tal-ekosistema tal-oċeani**

Il-pressjonijiet fuq l-oċeani jagħmlu ħsara lill-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar, jaffettwaw il-komunitajiet kostali, is-sajd u attivitajiet oħra bbażati fuq il-baħar.

### ***Iż-Żoni tal-Baħar Protetti (MPAs)***

Network ta' MPAs konnessi tajjeb u ġestiti b'mod effettiv għandu rwol kruċjali fil-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u tax-xbieki alimentari, filwaqt li jappoġġa lill-komunitajiet kostali u lis-sajjieda billi jgħin fil-bini mill-ġdid tal-ħajja tal-baħar. L-UE espandiet in-network tagħha tal-MPAs għal 12.3 % tal-ilmijiet tagħha iżda l-Istati Membri huma mħeġġa jaċċelleraw l-isforzi biex tintlaħaq il-mira tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 li tiproteġi legalment 30 %, u tiproteġi b'mod strett 10 % tal-ibħra tagħha. Dan jimplika li jiġu proposti pjanijiet ta' ġestjoni għal kull MPA, ibbażati fuq ix-xjenza u bl-involviment tal-partijiet

<sup>9</sup>Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

ikkonċernati lokali kollha inklużi s-sajjeda, li għandhom l-għan li jindirizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-MPAs ikkonċernati f'żoni ekoloġikament sinifikanti. Dan jenħtiegħ li jinkludi l-identifikazzjoni, fuq bażi ta' każ b'każ, ta' liema tekniki tas-sajd huma kompatibbli mal-konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats fil-mira fl-MPAs ikkonċernati.

Għalhekk, il-Kummissjoni se taħdem fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Habitats, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MFSD) u r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda, immirati biex jiffaċilitaw is-sorveljanza u l-monitoraġġ.

### ***Il-ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet tal-baħar***

Lil hinn miż-żoni protetti tal-baħar, approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-attivitajiet fuq il-baħar, kif ukoll dawk fuq l-art li jaffettwaw il-baħar, huwa kruċjali kif deskritt fl-MSFD sabiex jinkiseb ibħra nodfa, b'saħħithom u produttivi, u fl-aħħar mill-aħħar “status ambjentali tajjeb”<sup>10</sup> (GES, Good Environmental Status) għall-ilmijiet tal-baħar kollha tal-UE.

Minkejja l-progress, l-evalwazzjoni reċenti tal-MSFD<sup>11</sup> enfasizzat li huma meħtieġa passi ulterjuri biex jinkiseb bis-sħiħ il-GES fil-11-il deskrittur kollha tal-MSFD, inkluż iż-żieda fl-investimenti finanzjarji biex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa. **Il-Kummissjoni se tirrevedi l-MSFD biex tħaffef il-progress lejn il-kisba tal-oġettivi ambjentali, tissimplifika l-implimentazzjoni, u tnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mar-rapportar u l-ġestjoni tad-data.**

### ***L-indirizzar tat-tniġġis tal-baħar u tal-ilma ħelu***

L-ekosistemi tal-baħar u kostali jiffaċċjaw theddid sinifikanti mit-tniġġis, inklużi nutrijenti minn attivitajiet fuq l-art u fil-baħar: ilma tax-xeba' agrikolu, kontaminanti kimiċi, plastik u mikroplastiki. Għalhekk jeħtiegħ li l-miżuri jindirizzaw iċ-ċiklu kollu tal-ilma fuq l-art u fil-baħar. Biex tindirizza s-sorsi ta' tniġġis ibbażati fuq l-art, il-Kummissjoni se ssaħħaħ approċċ mis-sors għall-baħar, permezz tal-**Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma**, u se tappoġġa lill-komunitajiet kostali fil-ġlieda kontra t-tniġġis ibbażat fuq l-art, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwoli tagħhom ta' gwardjani bejn it-tniġġis tal-art u d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar.

Filwaqt li jibni fuq ir-rekwiżiti biex jitnaqqas it-tniġġis sabiex jinkiseb l-istatus ambjentali tajjeb tal-ibħra tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-UE jistabbilixxi miri ambizzjużi, bħat-tnaqqis tal-iskart tal-plastik fl-oċean b'50 % u t-telf tan-nutrijenti b'50 % sal-2030, appoġġat bis-sħiħ b'finanzjament minn Orizzont Ewropa, inkluża l-Missjoni “Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna”. Il-Kummissjoni tfakkar fil-possibbiltà li l-Istati Membri jappoġġaw skemi attivi jew passivi ta' ġbir tal-iskart fil-baħar skont il-programmi nazzjonali tal-FEMSA.

Il-ġestjoni effettiva tan-nutrijenti, u t-tnaqqis sinifikanti tat-tniġġis inklużi l-mikroplastiki, il-PFAS u sustanzi kimiċi oħra huma essenzjali biex titjeb is-saħħa tal-Oċean. Il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-

<sup>10</sup> L-Artikolu 3(5) tal-MSFD u speċifikat aktar fid-[Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2017/848 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar.](#)

<sup>11</sup> [Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri kif aġġornati skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina \(2008/56/KE\).](#)

mikroplastiċi. Barra minn hekk, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) se tkompli tinċentiva l-agrikoltura sostenibbli, inkluż biex tgħin fit-naqqis tan-nutrijenti żejda.

Fir-rigward tat-tniġġis tal-baħar, it-trasport marittimu jibqa' wieħed mis-sorsi ewlenin, li jikkontribwixxi għall-emissjonijiet, l-iskariku, l-iskart, u l-istorbju taħt l-ilma. Il-bidla trasformattiva fit-trasport marittimu lejn in-newtralità klimatika u t-tniġġis żero jista' jillimita l-impatt fuq il-ħajja tal-baħar u jgħin biex tinżamm u tikber il-kompetittività tal-UE<sup>12</sup>. Filwaqt li l-liġijiet eżistenti naqqsu t-tniġġis mill-vapuri, hija meħtieġa aktar azzjoni biex jittrażżnu l-iskariki tal-arja u tal-ilma, u jiġi evitat it-tixrid ta' pellets tal-plastik<sup>13</sup>.

Għalhekk il-Kummissjoni se:

- ittejjeb il-CleanSeaNet<sup>14</sup> sabiex tkun tista' twissi lill-Istati Membri dwar aktar tipi ta' sustanzi niġġiesa minn bastimenti eż. drenaġġ, żibel, kontenituri mitlufa. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw aktar il-proċessi ta' verifika u l-aċċessibilità tad-data. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma li l-UE skattat skont l-MSFD dwar l-istorbju taħt l-ilma, tappoġġa l-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għal Oċean Kwiet li tippromwovi soluzzjonijiet ambizzjużi u prattiċi li se jirrestawraw is-silenzju tal-oċean.
- Taħdem mas-sħab biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjonijiet skont l-IMO biex jitnaqqas it-tniġġis mit-trasport marittimu.

#### **Azzjonijiet Ewlenin<sup>15</sup>:**

- Ir-reviżjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina
- Ir-riżervi Ewropej tal-karbonju blu u l-mudelli kummerċjali ġodda għall-komunitajiet kostali
- L-inkoraġġiment tal-Istati Membri fid-deżinjazzjoni u l-ġestjoni tal-MPAs

### **3. Spinta lill-Ekonomija Blu Sostenibbli lejn kompetittività akbar**

L-ekonomija blu tal-UE hija mutur b'potenzjal ekonomiku u trasformattiv. Hija integrali għall-istrateġija industrijali u ta' sigurtà usa' tal-Ewropa, u tkopri firxa wiesgħa ma' (i) setturi tradizzjonali fis-sajd, l-akkwakultura, it-tbaħħir, u t-turiżmu kostali; (ii) setturi ġodda u emerġenti fl-enerġija rinnovabbli, il-bijoteknoloġija blu, ir-robotika ta' taħt l-ilma, u l-osservazzjoni tal-oċeani, u (iii) promoturi globali tat-teknoloġija tal-oċeani, xprunati mir-riċerka u l-innovazzjonijiet fl-IA, fit-teknoloġija nadifa, u fit-teknoloġija profonda. Ekonomija blu riġenerattiva li tirrestawra l-oċean filwaqt li trawwem l-iżvilupp, l-inklużjoni soċjali u l-ekwità tinvolvi r-rivitalizzazzjoni tar-riżorsi tal-baħar u s-sistemi naturali tal-oċean.

<sup>12</sup>[Ir-Rapport Konġunt tal-EEA-EMSA 15/2024: Ir-Rapport Ambjentali dwar it-Trasport Marittimu Ewropew 2025.](#)

<sup>13</sup>Fit-8 ta' April 2025, il-koleġislaturi qablu b'mod proviżorju dwar l-abbozz ta' Regolament propost għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-mikroplastik mir-rilaxx mhux intenzjonat ta' pellets tal-plastik (COM (2023) 645).

<sup>14</sup>[Servizzi bbażati fuq is-Satellita — servizz CleanSeaNet — EMSA — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima.](#)

<sup>15</sup>L-azzjonijiet ewlenin relatati mas-saħħa tal-oċeani skont it-Taqsima 7 jikkontribwixxu wkoll għal din il-prijorità.

F'konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività u l-Patt għal Industrija Nadifa, l-UE jeħtiġilha ssaħħa il-kompetittività tagħha u taċċellera t-tranżizzjonijiet strateġiċi fis-setturi tradizzjonali u emerġenti tal-ekonomija blu, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq id-dekarbonizzazzjoni u ż-żieda fl-innovazzjoni. Dan ifisser l-appoġġ għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura tagħna, inkluż il-valorizzazzjoni aħjar tal-iskart tal-bijomassa akkwatika, it-tħaffif tal-użu ta' teknoloġiji blu nodfa, l-appoġġ għal mudelli ta' negozju li jippreservaw jew jirrestawraw l-ekosistemi tal-oċeani u l-bijodiversità permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u prodotti negattivi għall-karbonju — u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għat-ktabbir. Il-kisba ta' dan teħtieġ taħlita intelliġenti ta' finanzjament pubbliku, investiment privat, regolamentazzjoni abilitanti, żvilupp tal-ħiliet, kondivizzjoni tal-għarfien, riċerka u innovazzjoni, u ppjanar tal-ispazju marittimu effettiv.

### **3.1. L-appoġġ għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura għal Ikel Akkwatiku sostenibbli, is-Sigurtà u s-Sovranità tal-Ikel**

Is-sajd u l-akkwakultura huma vitali għall-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel. Madankollu, 70 % tal-ikel akkwatiku kkunsmat fl-UE llum huwa importat<sup>16</sup>. Il-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel hija kkomplementata bl-evalwazzjoni komprensiva u r-reviżjoni possibbli tal-**PKS, li tkopri wkoll l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS), u l-Viżjoni 2040 għas-sajd u l-akkwakultura** se jimmarkaw stadju importanti sinifikanti. Din tiżgura li s-sajd u l-akkwakultura, inkluż is-settur tal-ipproċessar, itejbu l-kompetittività u r-reżiljenza tagħhom u jiżguraw provvista stabbli għas-suq tal-UE, filwaqt li jinżamm approċċ għall-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema. Dan se jinvolvi ħidma mal-Istati Membri biex l-attivitajiet tas-sajd jibqgħu validi fil-futur u aktar sostenibbli billi tittejjeb is-selettività tal-irkaptu, inkluż permezz tal-innovazzjoni, u jonqsu l-impatti negattivi fuq l-ekosistema tal-baħar, jiġu minimizzati u, fejn possibbli, jiġu eliminati l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensitivi. Il-promozzjoni fil-livell globali tal-prinċipji tas-sostenibbiltà tal-UE hija importanti biex tissaħħa is-sostenibbiltà tal-importazzjonijiet u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, kif spjegat aktar fid-dettall fil-Kapitolu 7.

Il-Kummissjoni se ttipponi:

- Miżuri mmirati lejn id-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, appoġġati mis-Sħubija għal Tranżizzjoni tal-Enerġija għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura<sup>17</sup>.
- L-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira bħala prijorità. L-azzjonijiet rilevanti jinkludu l-ħruġ ta' vademecum li jippreżenta l-aħjar prattiki li l-Istati Membri jistgħu jużaw fl-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd sabiex tittejjeb it-trasparenza, u jiġi promoss is-sajd sostenibbli, u djalogu ddedikat għall-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll l-istabbiliment ta' Kunsill Konsultattiv iddedikat.
- L-istabbiliment ta' Sħubija tal-UE dwar l-Akkwakultura, li tinvolvi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, il-gruppi ta' interess oħra, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, l-aċċelleraturi tan-negozju, u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Dan se jsaħħa il-kooperazzjoni billi jiġu stabbiliti l-miri u jiġu definiti l-azzjonijiet, inkluż l-iżvilupp ta' proġetti mmirati lejn l-użu multiplu tal-ispazju marittimu.

<sup>16</sup>Il-Kummissjoni Ewropea (2024): [The EU Fish Market Report 2024](#)

<sup>17</sup>[Sħubija stabbilita wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE.](#)

- Iż-żieda fil-produzzjoni Ewropea tal-algi, inkluż permezz tal-Istrateġija l-ġdida dwar il-Bijoeconomija li għandha tiġi adottata sa tmiem l-2025, it-tnedija ta' Sħubija għall-Innovazzjoni tal-Bijoeconomija Blu sal-2027 u l-istabbiliment ta' miri għat-tkabbir tal-produzzjoni tal-algi fl-UE.
- Inizjattiva ta' politika ddedikata dwar l-indirizzar tal-kwistjoni ta' **Speċijiet Mhux Indigjeni** (NIS) li jheddu s-sajd u l-akkwakultura, inklużi opportunitajiet għall-użu ta' dawn l-ispeċijiet f'każijiet fejn daww l-ispeċijiet diġà jkunu nfirxu żżejjed.
- Dokument ta' gwida dwar il-ġestjoni tal-predaturi, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi dwar l-Akkwakultura.
- L-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OKS se tivvaluta l-effettività tar-regoli attwali dwar it-tikkettar, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti koperti, l-orijini tagħhom, u l-mezzi li permezz tagħhom jinbiegħu, bħas-supermarkets, il-bejjieġha tal-ħut u r-ristoranti.
- Kampanja madwar l-UE kollha fl-2027 dwar il-benefiċċji u l-valur miżjud tal-“Ikel akkwatiku” prodott fl-UE u sostenibbli.
- Il-miżuri li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-ġestjoni tas-sajd u l-kundizzjonijiet ekwi għas-sajjeda Ewropej globalment (ara t-taqsima 7).
- L-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-PKS
- Appoġġ għad-dimensjoni soċjali tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ara t-taqsima 3).

### 3.2 It-tisħiħ tal-bażi Industrijali Marittima u tal-Portijiet tal-UE bħala nodi kritiċi

Il-*bażi tal-manifattura marittima* tal-Ewropa hija essenzjali għall-awtonomija strateġika, il-prosperità u s-sigurtà tal-UE. It-tarzni, il-fornituri u l-fornituri tat-teknoloġija Ewropej għandhom l-għarfien espert biex jibnu bastimenti ta' valur għoli u biex jiżviluppaw teknoloġija għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. **Biex jinżamm dan il-vantaġġ kompetittiv u tmexxi t-tranżizzjoni globali lejn teknoloġija nadifa, il-Kummissjoni se tiżviluppa Strateġija Marittima Industrijali.**

Il-portijiet tal-UE huma assi strateġiċi għall-kompetittività u s-sigurtà, li jaġixxu bħala gateways għall-kummerċ globali, is-suq intern, speċjalment bħala ċentri għall-Ispazju Marittimu Ewropew<sup>18</sup>, u l-mobbiltà militari u ċivili. Bosta qed jevolvu f'ċentri għad-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità u l-innovazzjoni fil-ktajjen tal-valur, li jappoġġaw ir-raggruppamenti industrijali. **Biex issaħħaħ din il-funzjoni, il-Kummissjoni se tadotta Strateġija Portwarja ġdida tal-UE.**

L-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-*trasport marittimu* tal-UE biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tagħna tirrikjedi l-implimentazzjoni robusta tal-estensjoni reċenti tal-ETS għall-mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-gassijiet serra marittimu tagħna. Dan jirrikjedi wkoll l-implimentazzjoni ta' FuelEU Maritime, miżura ewlenija biex titnaqqas l-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils, biex jiġu stimolati l-investimenti, tiġi żviluppata infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet, u jiġu skattati sforzi ta' koordinazzjoni tul il-katina tal-provvista biex jinkisbu ekonomiji ta' skala. L-UE qed tinsisti għal miżuri globali ambizzjużi fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali. Il-qafas tal-OMI b'Emissjonijiet Żero Netti maqbul reċentement huwa pass

<sup>18</sup>[Ir-Regolament dwar l-TEN \(UE\) 2024/1679](#)

importanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur kollu tal-industrija. L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet marittimi, l-investiment f'teknoloġiji ekoloġiċi, u t-trawwim tal-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi se jkollhom rwol ugwalment essenzjali fl-iżgurar tas-sostenibbiltà u l-adattabbiltà fit-tul tal-industrija marittima.

Investimenti sinifikanti fil-produzzjoni tal-fjuwil, fl-infrastruttura tal-enerġija, fl-elettriku mix-xatt u fl-adozzjoni u l-integrazzjoni abbord ta' teknoloġija nadifa ġdida huma kruċjali biex jixprunaw ir-reżiljenza, id-dekarbonizzazzjoni, l-innovazzjoni, u l-kompetittività fis-settur.

### **3.3. It-tisħiħ ulterjuri tas-setturi tal-ekonomija blu**

It-teknoloġiji tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u mill-oċeani huma assi ewlenin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi, tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u tiġi pprovduta enerġija affordabbli li tiffred il-kompetittività industrijali fis-setturi tal-industrija u fl-Istati Membri kollha. L-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni tirrikjedi investimenti sinifikanti fl-infrastruttura tal-grilja, inklużi teknoloġiji transfruntiera tat-trażmissjoni u tal-enerġija lil hinn mill-kosta, flimkien ma' kooperazzjoni reġjonali mtejba u soluzzjonijiet għal restrizzjonijiet spazjali u koeżistenza ma' attivitajiet oħra bħas-sajd u l-akkwakultura.

Biex tkompli tibbenefika mit-tmexxija globali tagħha fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u bl-ambizzjoni li tikkonferma t-tmexxija fit-teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani, l-UE jenħtieġ li żżomm ktajjen tal-provvista kompetittivi, aċċess għall-materja prima u għax-xogħol tas-sengħa. L-impenji tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reġjonali<sup>19</sup> se jkunu kruċjali biex jinkiseb dan.

L-oċean jista' jkun sors importanti ta' riżorsi ġenetiċi għall-bijoekonomija u għall-materja prima. Is-salmura tal-baħar tista' tkun sors ta' manjeżju, litju, boron u vanadju, u tista' tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista ta' dawn il-metalli u metalli oħra permezz ta' teknoloġiji kosteffettivi biex jiġu rkuprati dawn il-metalli. Bil-ħtieġa dejjem akbar ta' impjanti ta' desalinizzazzjoni effiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet għall-konsum mill-bniedem tal-produzzjoni tal-ilma ħelu u tal-idroġenu ekoloġiku, il-fattibbiltà tal-irkupru tal-metalli mis-salmura tal-baħar se tiġi esplorata permezz ta' attivitajiet iddedikati skont il-programm Orizzont Ewropa.

It-turiżmu kostali u marittimu huwa l-akbar settur tal-ekonomija blu u sors ewlieni ta' introjtu għal ħafna żoni kostali, li jiddiversifika l-għajxien speċjalment fil-komunitajiet kostali u tal-gżejjer rurali. Filwaqt li tibni fuq il-progress fi ħdan il-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu u l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030 u fuq il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati mnedija f'Mejju 2025, il-Kummissjoni se tippreżenta Strateġija tal-UE dwar it-Turiżmu Sostenibbli fir-Rebbiegħa 2026. L-istrateġija l-ġdida se tippromwovi prattiki li huma ta' benefiċċju kemm għall-komunitajiet kostali u tal-gżejjer kif ukoll għar-reġjuni ultraperiferiċi.

### **3.4. It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-ekonomija blu**

It-tiġdid ġenerazzjonali, il-parteciċipazzjoni tan-nisa, it-titjib tal-ħiliet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa huma ingredjenti essenzjali għal ekonomija blu prospera u attraenti.

---

<sup>19</sup>Il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP), il-Konnettività tal-Enerġija tal-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), il-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC), l-Interkonnessjonijiet għall-Ewropa tal-Lbiċ.

**Għall-2027 hemm ippjanata Strateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu ġdida li se trawwem forza tax-xogħol tal-ġenerazzjoni li jmiss kwalifikata fir-riċerka tal-baħar, it-teknoloġija tal-oċeani u s-sajd sostenibbli.** Se tippromwovi l-edukazzjoni, il-litteriżmu dwar l-oċeani, u t-trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali. Kif innotat fil-komunikazzjoni dwar Unjoni tal-Ħiliet, il-Kummissjoni se tintensifika l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-edukazzjoni STEM<sup>20</sup>, li jenħtieġ li tappoġġa wkoll għarfien aktar avvanzat dwar ix-xjenzi tal-baħar bħall-ingerija ambjentali, il-bijoloġija u l-kimika tal-baħar. Il-promozzjoni ta' STEM u l-alleanzi tal-universitajiet u l-iskejjel Ewropej jenħtieġ li jagħtu aktar attenzjoni lill-ekonomija blu u l-potenzjal tagħha.

Sabiex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali u intraprenditorjali, l-istrateġija ta' tiġdid ġenerazzjonali blu se tallinja mal-**Komunità l-ġdida ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fil-qasam tas-setturi u l-ekosistemi tal-ilma, tal-baħar u dawk marittimi** li tipprovdi qafas strutturat għall-UE kollha biex jiġu konnessi l-ekosistemi tal-ekonomija blu u l-**Unjoni tal-Ħiliet**, filwaqt li jiġu appoġġati sħubijiet transsettorjali fl-ekonomija blu, kif ukoll mal-**Istrateġija Ewlenija għall-Ekwità Interġenerazzjonali**.

Fis-sajd, l-enfasi tal-Kummissjoni se tkun fuq it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żieda fl-attrazzjoni tal-professjoni, inkluż permezz tas-sikurezza mtejbha abbord, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta. Dan se jinkludi wkoll appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tas-sajjieda.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

- L-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar il-PKS
- Viżjoni 2040 għas-sajd u l-akkwakultura
- Strateġija Marittima Industrijali u Strateġija Portwarja tal-UE
- Strateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu

## **4. Il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u tal-gżejjer**

Oċean b'saħħtu jipprovdi għajxien, protezzjoni, u sens ta' identità lill-popolazzjonijiet kostali. Il-komunitajiet kostali huma l-forza umana li tixpruna ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fit-triq lejn prattiki riġenerattivi u għandhom rwol kruċjali li jipprovdu lill-Ewropej b'ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, b'enerġija rinnovabbli tal-baħar nadifa u affordabbli u li jgħaqqdu l-Ewropa mal-bqija tad-dinja. Ir-rwol tagħhom ta' intendenza, bħala partijiet ikkonċernati u atturi ewlenin fil-governanza tal-baħar jenħtieġ li jiġi rikonoxxut aħjar.

Iż-żoni kostali huma varjati u għandhom assi ġeografiċi u naturali uniċi, li joffru kemm opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti kif ukoll sfidi uniċi. L-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tar-reġjuni kostali tal-UE jirrikjedi kemm it-tisħiħ tal-komunitajiet kostali ewlenin kif ukoll it-tnaqqis tad-distakk għal dawk li qed jitħabtu biex jaħtfu l-opportunitajiet.

Iż-żoni kostali huma wkoll fl-ogħla riskju tat-tibdil fil-klima peress li qed jiffaċċjaw livelli tal-baħar li qed jogħlew, avvenimenti estremi tat-temp, erożjoni kostali, għargħar, intrużjoni tal-

<sup>20</sup>Ix-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika.

melħ u t-tnaqqis tal-bijodiversità, inklużi l-istokkijiet tal-ħut. Il-komunitajiet kostali u r-reġjuni ultraperiferiċi huma mistennija jżidu l-adattament u t-tnejjija għall-kriżijiet. Il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ għall-komunitajiet kostali biex jimplimentaw strateġiji u pjanar ta' adattament, b'mod partikolari permezz tal-pjan li jmiss tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Sabsiex tagħti spinta lill-appoġġ tagħha għall-komunitajiet kostali u f'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, fl-2026 il-Kummissjoni se tipproponi **Strateġija ġdida għall-Iżvilupp u r-Reżiljenza tal-Komunitajiet Kostali** tal-UE. L-istrateġija se taħtaf l-oportunitajiet u tistabilixxi l-qafas għat-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku lokali u t-tiżiħ tar-reżiljenza fil-komunitajiet kostali. L-istrateġija se tippromwovi kapaċitajiet ta' twissija bikrija u pjanijiet ta' adattament appoġġati minn servizzi avvanzati ta' osservazzjoni u tbsair.

Se jkollha l-għan li tingrana l-potenzjal enormi tal-komunitajiet kostali fl-iżvilupp u fl-użu ta' mudelli ta' negozju sostenibbli ġodda, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u għall-kompetittività tal-UE kollha kemm hi. Se tappoġġa oportunitajiet ta' diversifikazzjoni tal-introjt u jinċentiva l-inklużjoni ta' attivitajiet riġenerattivi u ta' restawr, innovazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija fir-rigward tal-osservazzjoni tal-previżjonijiet u tal-iżvilupp tas-servizzi, filwaqt li tibni fuq is-suċċessi tal-proġetti ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità<sup>21</sup>, tal-approċċ tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus)<sup>22</sup> kif ukoll tal-fanali tal-Missjoni dwar l-Oċeani.

Filwaqt li qieset l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi u l-appell għal politiki mfassla apposta u sinerġiji aħjar, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnedi **konsultazzjoni dwar strateġija ġdida għall-gżejjer u strateġija aġġornata għar-reġjuni ultraperiferiċi**.

Huma meħtieġa attenzjoni speċifika u miżuri mfassla apposta għall-karatteristiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi biex tittaffa l-insularità tagħhom u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tagħhom: it-tiżiħ tar-reżiljenza u l-konnettività tagħhom, l-iżvilupp tal-awtonomija ekonomika, tal-enerġija u tal-ikel tagħhom, kif ukoll il-protezzjoni tal-wirt naturali tagħhom. B'mod partikolari, is-settur tas-sajd fuq skala żgħira qed jiffaċċja sfidi addizzjonali fl-operazzjonijiet tiegħu minħabba d-distanza ta' dawn ir-reġjuni u l-esponiment għal avvenimenti estremi tat-temp. Biex tindirizzahom, il-Kummissjoni se tipproponi rieżami tal-linji gwida għall-bilanċ tal-flotta għal bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 12-il metru fir-reġjuni ultraperiferiċi abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli fis-sajf tal-2025.

**Azzjonijiet Ewlenin ġodda<sup>23</sup>:**

- Strateġija tal-UE għall-Iżvilupp u r-Reżiljenza tal-Komunitajiet Kostali
- Konsultazzjoni dwar Strateġija ġdida għall-Gżejjer tal-UE
- Strateġija aġġornata dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi
- Rieżami tal-linji gwida għall-bilanċ tal-flotta għal bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 12-il metru fir-reġjuni ultraperiferiċi

<sup>21</sup> [Inforegio - Community-led Local Development](#)

<sup>22</sup> Permezz tal-approċċ transdixiplinari u parteċipattiv tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB), proġetti innovattivi bħall-[Lighthouse Demonstrator Bauhaus of the Seas Sails](#) jipprovdu pjanijiet ta' azzjoni għal azzjonijiet ibbażati fuq il-post li jinvolvu komunitajiet biex jidentifikaw u jindirizzaw l-isfidi tat-territorji kostali. Fis-sinjura li ġejjin, il-[Faċilità NEB](#) se tappoġġa aktar proġetti, inkluż f'komunitajiet kostali.

<sup>23</sup> L-azzjonijiet skont it-Taqsima 3 jikkontribwixxu wkoll għal din il-prijorità.

## 5. Ir-rwol essenzjali tar-riċerka, l-għarfien, il-litteriżmu u l-ħiliet tal-oċeani għall-innovazzjoni blu

### 5.1. L-Ewropa bħala mexxejja globali fix-xjenza tal-oċeani: it-tnedija tal-inizjattiva għall-osservazzjoni tal-oċeani

L-osservazzjoni tal-oċeani hija l-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Dan jipprovdi data kritika għat-tbassir tat-temp, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-istrateġiji ta' adattament, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili — il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar -, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura, u dejjem aktar id-difiża u s-sigurtà. Madankollu, l-oċean għadu fil-biċċa l-kbira mhux esplorat, id-data hija nieqsa b'mod kritiku jew mhijiex disponibbli, u n-networks ta' osservazzjoni attwali jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar.

Bħalissa, l-UE tiddependi b'mod sostantiv fuq il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali għall-osservazzjoni tal-oċeani. Iżda hekk kif il-ġeopolitika tinbidel, xi sħab internazzjonali qed jiddizimpenjaw ruħhom mix-xjenza tal-oċeani, ifixklu l-programmi ewlenin ta' data u osservazzjoni u joħlqu imprevedibbiltà għad-disponibbiltà ta' data kritika storika u futura. Xi settijiet tad-data mhux se jibqgħu disponibbli, oħrajn mhux se jinżammu jew jitlestew. Hemm riskju sinifikanti ta' tnaqqis fil-kopertura globali minn infrastrutturi ta' osservazzjoni, b'riżultat li, lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, liċ-ċittadini u lill-investituri taslilhom informazzjoni inqas affidabbli u preċiża.

F'dinja ġeopolitika riskjuża, l-Ewropa trid issir indipendenti u awtonoma fl-infrastrutturi kritiċi kollha tal-oċeani, fis-servizzi tad-data u tal-informazzjoni, filwaqt li tippreserva u ssaħħa l-kollaborazzjoni xjentifika internazzjonali kull meta jkun possibbli.

Il-Patt għall-Oċeani jipproponi li jiżiedu l-isforzi Ewropej billi titnieda **inizjattiva ambizzjuża ta' osservazzjoni tal-oċeani**, li tinkludi l-baħar kostali u l-baħar fond, li tkopri l-katina tal-valur tal-għarfien kollha, u li tiegħu rwol internazzjonali ewleni, biex twassal informazzjoni kritika lill-atturi u lis-setturi kollha tal-baħar.

**L-Inizjattiva ta' Osservazzjoni tal-Oċeani tal-UE**, li tkopri l-kampanji ta' osservazzjoni, l-ipproċessar tad-data, l-infrastrutturi u l-forniment ta' servizzi ewlenin, se tkun il-kapitolu li jmiss fl-iskoperta tal-ispazju intern tal-pjaneta tagħna u se tgħaqqad, tiskala, tirregola u tiżgura l-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tal-oċeani.

L-inizjattiva se tixpruna wkoll il-kooperazzjoni xjentifika internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma, b'mod partikolari għat-tlestija ta' sistema globali ta' osservazzjoni tal-oċeani li tkun adattata għall-iskop tagħha<sup>24</sup>:

- **L-iżgurar ta' data storika** mill-osservazzjoni tal-oċeani li bħalissa tinsab fir-riskju, f'bażijiet tad-data bbażati fl-UE, permezz ta' azzjoni ta' Orizzont Ewropa fl-2025.
- It-twettiq ta' **pjan ta' azzjoni li jimmappja l-lakuni fl-għarfien**, sa Ġunju 2026.
- L-iżvilupp ta' **sistema ta' osservazzjoni** integrata, ta' teknoloġija avvanzata, kosteffettiva, affidabbli u sigura.

<sup>24</sup> Se tappoġġa wkoll il-Pjattaforma Internazzjonali għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani (IPOS) proposta, ara t-Taqsima 7.

- Il-ħolqien ta' **approċċ koerenti u standardizzat għall-ippjanar u t-twettiq ta' kampanji ta' osservazzjoni tal-oċeani sal-2027**

L-inizjattiva tibni fuq il-kontribut eżistenti tal-UE għall-għarfien operazzjonali dwar il-baħar. Bħala parti minnha, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa u tintegra ż-żewġ servizzi ewlenin tad-data tal-UE, in-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima EMODnet u s-Servizz tal-Baħar ta' Copernicus<sup>25</sup>.

Dan se jikkontribwixxi għat-**Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean (DTO)**, li hu rappreżentazzjoni virtwali ambizzjuża kważi f'ħin reali tal-oċean aċċessibbli għaċ-ċittadini, ix-xjenzati u l-innovaturi kollha, li se jipprovdi xenarji possibbli u futuri, punti kritiċi u fatturi tal-bidla li jappoġġaw it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza min-negozji. Id-DTO, li tħabbar mill-President tal-Kummissjoni fis-Summit "One Ocean" tal-2022, u li se jkun interoperabbli mas-sistema Tewmi Diġitali tad-Dinja żviluppata skont l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja, jenħtieġ li jkun operattiv bħala programm tal-UE sal-2030.

L-inizjattiva tal-Osservazzjoni tal-Oċeani se tgħin lis-sħab tal-Ewropa biex isegwu "Choose Europe" u jagħżlu l-Ewropa bħala alleat affidabbli bbażat fuq ix-xjenza, b'teknoloġija avanzata, sigur u miftuħ. Dan se jikkontribwixxi wkoll għat-tiżiħ tal-għarfien dwar l-oċeani u jiffaċilita s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għal kwistjonijiet relatati mal-oċeani.

## **5.2. Ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-oċeani għat-tmexxija globali**

L-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċeani se tibni fuq il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u, fost oħrajn, il-Missjoni Ewropea "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030". Dan se jiżgura approċċ mis-sors għall-baħar<sup>26</sup>, u se jkollu l-għan li jtejjeb il-governanza attwali billi jegħleb il-frammentazzjoni tal-inizjattivi għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE, inklużi l-infrastrutturi tar-riċerka tagħhom. Se jimla l-vojt bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-użu ta' għarfien u soluzzjonijiet ġodda.

Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-istabbiliment ta' **network Ewropew ta' siti tal-ittestjar tat-teknoloġija tal-oċeani** jiġu aċċellerati l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ewlenin tal-oċeani.

Permezz ta' approċċi transdixxiplinari li jinkorporaw ir-riċerka parteċipattiva u l-involvement taċ-ċittadini, jistgħu jitfasslu soluzzjonijiet għall-konservazzjoni tal-oċeani u tal-ilma, li fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw il-benesseri tal-komunitajiet kostali.

Mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni Ewropej stabbiliti, bħall-Oċeani tal-JPI u s-Sħubija għal Ekonomija Blu Sostenibbli, jimmobilizzaw l-investimenti nazzjonali u se jkollhom rwol importanti fl-identifikazzjoni u r-rispons għall-isfidi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-oċeani.

## **5.3. It-tiżiħ tal-għarfien dwar l-oċeani u l-involvement taċ-ċittadini**

L-għarfien dwar l-oċeani u l-involvement taċ-ċittadini jrawmu fehim tal-influenza tal-oċean fuqna u l-impatt tagħna fuq l-oċean, filwaqt li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet infurmati. L-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu djalogu interġenerazzjonali, ibbażat

<sup>25</sup>L-EMODnet jiġbor id-data tal-osservazzjoni tal-oċeani in situ filwaqt li s-Servizz tal-Baħar ta' Copernicus huwa servizz ta' informazzjoni diġitali ewleni fid-dinja, li jinkludi data satellitari, monitoraġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u tbassir.

<sup>26</sup>L-iżgurar tar-rabtiet u tal-koerenza xierqa mal-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għar-Reżiljenza tal-Ilma.

fuq prattiki parteċipattivi u/jew deliberattivi. Il-kunċett ta' għarfien dwar l-oċeani se jkun marbut ma' kunċett usa' tal-promozzjoni tal-għarfien dwar l-ilma u l-fehim tar-rabtiet bejn il-ġestjoni tal-ilma u l-baħar. Huwa biss billi naħdmu flimkien u nivvalutaw id-diversità tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkunu nistgħu nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-oċean tagħna u noħolqu futur aktar sostenibbli għal kulħadd.

Il-Kummissjoni se **tespandi l-Koalizzjoni Ewropea għall-Għarfien dwar l-Oċeani** (EU4Ocean), li tinvolvi eluf ta' organizzazzjonijiet, negozji, żgħażaġh u tfal tal-iskola. Permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-għodod stabbiliti bħall-Atlas Ewropew tal-Ibħra, l-EU4Ocean se tkompli taħdem biex iżżid l-għarfien dwar l-importanza tal-oċean, inkluż billi taħdem mal-konsorzju Bauhaus of the Seas Sails<sup>27</sup>.

Filwaqt li tibni fuq il-Forum Youth4Ocean, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Network ta' Ambaxxaturi taż-Żgħażaġħ u Interġenerazzjonali tal-UE dwar l-Oċeani** biex tinvolvi professjonisti żgħażaġh tal-oċeani u tippromwovi s-sostenibbiltà tal-oċeani madwar l-UE u globalment. L-iżvilupp tal-karriera ta' professjonisti tal-oċeani fi stadju bikri tal-karriera se jiġi appoġġat permezz tal-**Programm Interġenerazzjonali Blu** l-Alleanza għar-R&I dwar l-Oċean Atlantiku. Il-Kummissjoni se tospita **Djalogi dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ annwali**, filwaqt li tiżgura li l-ilħna tsaż-żgħażaġh jiġu integrati b' mod effettiv fit-tfassil tal-politika.

**Il-programm ġdid ta' internship** skont il-koalizzjoni EU4Ocean se joffri liż-żgħażaġh esperjenza prattika f'impjiegi li jikkontribwixxu għal ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli. Dan mhux biss se jgħammar liż-żgħażaġh bil-ħiliet meħtieġa għal karrieri futuri iżda se jsaħħaħ ukoll ir-rabta li hemm bejn l-għarfien dwar l-oċeani u s-settur privat. Se ssir enfasi speċjali fuq l-għoti tas-setgħa lin-nisa, kif ukoll lil gruppi oħra sottorappreżentati, biex dawn jieħdu rwol attiv u sinifikanti fl-attivitajiet tal-oċeani.

#### **Azzjonijiet Ewlenin:**

- L-inizjattiva tal-UE għall-Osservazzjoni tal-Oċeani u l-Operazzjonalizzazzjoni tad-DTO Ewropea sal-2030 bħala kontribut għad-Deċennju tax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli
- Strateġija Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċeani
- L-istabbiliment ta' Network ta' Ambaxxaturi taż-Żgħażaġħ u Interġenerazzjonali tal-UE dwar l-Oċeani u Network Interġenerazzjonali

## **6. Is-sigurtà marittima u d-difiża bħala kundizzjoni sottostanti**

Il-kumplessità dejjem akbar tat-theddid — inklużi l-attakki fuq l-infrastruttura sottomarina, it-theddid ċibernetiku, ir-riskji kkawżati minn bastimenti substandard u l-flotta mistura, u l-kontestazzjoni strateġika fuq l-ispazji marittimi — titlob rispons ikkoordinat, xprunat mit-teknoloġija u li jibqa' validu fil-futur li jkopri d-dimensjonijiet esterni u interni, kif ukoll id-dimensjonijiet militari u ċivili. Il-baħar Baltiku huwa fejn il-flotta mistura speċifikament

<sup>27</sup> <https://bauhaus-seas.eu/>

tippreżenta riskji akuti għall-ambjent bit-tixrid taż-żejt, it-theddid għas-sikurezza u s-sigurtà marittima, il-ksur tal-liġi internazzjonali tal-kummerċ u tad-dritt marittimu internazzjonali.

L-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u l-pjan ta' azzjoni tagħha jipprovdu l-qafas għall-UE biex tissalvagwardja l-interessi tagħha fuq il-baħar, tipproteġi liċ-ċittadini u t-territorju tagħha, u tippromwovi l-valuri u l-ekonomija tagħha. Se jsaħħu l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, filwaqt li jiżguraw konformità sħiħa mal-istrumenti internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS).

Flimkien ma' dawk il-prijoritajiet, u f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Kejbils, il-Komunikazzjoni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna<sup>28</sup>, u l-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni navali u tal-gwardja tal-kosta, inkluż permezz ta' Operazzjonijiet Marittimi bi Skop Multiplu (MMOs) li jsaħħu s-sensibilizzazzjoni dwar il-qasam marittimu, jinvestu f'teknoloġija marittima avvanzata, isaħħu l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-mobbiltà militari, jespandu l-kapaċitajiet ta' difiża navali, u jsaħħu l-preżenza u s-sħubijiet Ewropej fid-dinja.

### **6.1. It-tisħiħ tal-gwardja tal-kosta tal-UE u l-kooperazzjoni navali u s-sigurtà tal-fruntieri marittimi**

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta billi tespandi mudelli ta' suċċess bħall-Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta u l-Forum tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mediterran għal żoni bħall-Baħar l-Iswed. L-investment se jiffoka fuq **flotta pilota Ewropea tad-droni tal-ajru mingħajr bdot abbord (UxV)**, li tintegra l-IA u sensuri avvanzati għall-monitoraġġ marittimu f'ħin reali, appoġġata mill-Frontex, l-EMSA u l-EFCA. Dan itejjeb id-detezzjoni u r-rispons, jikkomplementa l-inizjattivi tan-NATO, u jipproteġi l-infrastruttura kritika sottomarina. L-investment fil-bini tal-kapaċità u t-taħriġ se jsaħħaħ il-gwardja tal-kosta u l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji fl-UE kollha.

### **6.2. L-avvanz tat-teknoloġija għas-sigurtà u d-difiża**

L-UE ser tingrana strumenti bħall-EDF, il-PESCO, l-EDA u s-SAFE u l-EDIP proposti<sup>29</sup> sabiex timmodernizza l-forzi navali u l-infrastrutturi relatati, inkluż fil-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni u networking, sensuri, R&Ż għat-teknoloġiji, u l-akkwist komuni ta' assi għall-intelligence, is-sorveljanza, u r-rikonjizzjoni kif ukoll l-istabbiliment ta' ċentru tal-fużjoni tal-informazzjoni reġjonali mill-2025. Il-BEI huwa impenjat li jgħin biex tingħata spinta lill-industrija, inkluż billi jappoġġa t-teknoloġiji marittimi u jimobilizza l-kapital privat għal innovazzjoni ffukata fuq is-sigurtà.

**L-inizjattiva ġdida ta' Ġharfien tad-Dominju Marittimu Ewropew (MDA)** (inkluża l-flotta pilota Ewropea mingħajr ekwipaġġ proposta hawn fuq) se tgħaqqad is-sensuri, is-sistemi mingħajr bdot abbord, u l-inġenji tal-ajru tal-għassa biex jiffurmaw network ta' sorveljanza integrat. MDA aktar b'saħħitha hija essenzjali biex jiġi indirizzat it-theddid u jiġu appoġġati r-risponsi ta' emerġenza. L-inċidenti reċenti li affettwaw l-infrastruttura marittima kritika

<sup>28</sup> [Il-Komunikazzjoni dwar ProtectEU:L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna.](#)

<sup>29</sup> Fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, l-adozzjoni tal-proposti kienet pendenti

jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni bla xkiel, skont l-approċċ reġjonali għal kull baċir tal-baħar.

Il-Kummissjoni ttejjeg b'mod attiv lill-awtoritajiet u l-aġenziji marittimi rilevanti kollha nazzjonali u tal-UE biex jikkollegaw mal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE), filwaqt li jieħdu l-approċċ tal-baċir tal-baħar biex tingħata spinta lill-integrazzjoni reġjonali. Filwaqt li tirrikonoxxi n-natura li qed tevolve tat-theddid marittimu, il-Kummissjoni hija impenjata li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata fil-qafas tas-CISE u tinkoraġġixxi l-interkonnnettività tagħha mal-qafas għall-iskambju ta' informazzjoni operat mill-Frontex, b'mod partikolari l-EUROSUR kif ukoll l-interoperabbiltà tagħha man-network ta' Sorveljanza Marittima (MARSUR), li jiffaċilita l-komunikazzjoni sigura fost il-forzi navali tal-Istati Membri. Dan se jsaħħaħ l-interfaċċa ċivili-militari, itejjeb l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni, u jippermetti reazzjonijiet aktar rapidi u kkoordinati għat-theddid fid-dominju marittimu kollu. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-isforzi relatati mal-MDA biex isir progress lejn stampa marittima mill-ispazju sa qiegħ l-oċean rikonnoxuta kważi f'ħin reali, li tista' tiġi kondiviża man-NATO.

### 6.3. Il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika

Apparti s-sorveljanza, iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi tal-IT se jkunu qasam ewlieni ta' attenzjoni. B'99 % tal-flussi globali tad-data li jiddependu fuq kejbils sottomarini, l-iżgurar tal-infrastruttura diġitali kontra t-theddid ċibernetiku se jkun essenzjali, speċjalment fir-reġjun tal-Baħar Baltiku fejn is-sikurezza tal-infrastruttura kritika hija saħansitra f'riskju akbar.

Komponent ċentrali ta' dan huwa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils<sup>30</sup> f'sinerġija mal-Istrateġija Marittima Industrijali li jmiss, li se jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' sorveljanza, deterrenza u rispons. Is-sigurtà tal-infrastruttura tal-baħar u dik sottomarina tibbenefika minn kapaċitajiet aktar b'saħħithom ta' detezzjoni ta' theddid u minn stampa aktar unifikata tas-sitwazzjoni f'ħin reali għal kull baċir tal-baħar. Fejn l-Istati Membri jaqblu li jikkooperaw dwar id-detezzjoni mtejbja fil-livell reġjonali, il-Kummissjoni qed tappoġġa l-istabbiliment ta' Ċentri tal-Kejbils Reġjonali volontarji għal kull baċir tal-baħar li jiffurmaw parti mill-Mekkaniżmu ta' Sorveljanza Integrat. F'dik il-perspettiva l-MtQ Baltiku/Nordiku dwar il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika ta' taħt il-baħar fil-Baħar Baltiku, huwa triq promettenti għal kooperazzjoni reġjonali aktar b'saħħitha dwar is-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi fil-Baħar Baltiku.

Ordinanza mhux sploduta (UXO, Unexploded ordnance) fl-ilmijiet tal-UE thedded l-ekosistemi u l-infrastruttura. **L-Istrateġija kkoordinata għat-tneħħija tal-UXO, li tibda fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana u li tespandi għall-Baħar l-Iswed, se tuża teknoloġiji avvanzati ta' detezzjoni u rimi.** Is-šhubijiet mal-HELCOM u korpi reġjonali oħra ser itejbu l-implimentazzjoni.

### 6.4. It-Tisħiħ tal-Operazzjonijiet Navali u s-Šhubijiet Globali tal-UE

L-UE ser issaħħaħ l-operazzjonijiet navali tagħha taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni b'enfasi fuq l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. Il-preżenza navali kontinwa fl-ilmijiet tal-UE se tkun kritika biex jiġu skoraġġuti l-attivitajiet illegali.

<sup>30</sup> [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils](#)

L-Artiku huwa dejjem aktar espost għall-kompetizzjoni ġeopolitika u huwa vitali f'termini ambjentali, ekonomiċi u ta' sigurtà għall-UE. It-tibdil fil-klima qed jiftaħ rotot tal-baħar ġodda u qed iżid ir-riskju ta' kompetizzjoni fir-riżorsi, degradazzjoni ambjentali u theddid ibridu għas-sigurtà tal-UE. Kif hemm enfasizzat fil-politika tal-UE dwar l-Artiku, l-Unjoni hija impenjata li tiżgura li l-Artiku jibqa' reġjun ta' paċi, tensjoni baxxa u kooperazzjoni sostenibbli. Il-bini tar-reżiljenza fl-Artiku jallinja mal-prijoritajiet tal-UE dwar il-klima, is-sigurtà u l-kooperazzjoni multilaterali.

**L-UE ser timmira wkoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Istati Membri Nordiċi u l-Istati Artiċi tal-istess fehma**, b'mod partikolari dwar is-sorveljanza marittima, it-tiftix u s-salvataġġ, u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika.

**Azzjonijiet Ewlenin:**

- Strateġija komprensiva tal-UXO biex jiġu integrati teknoloġiji avvanzati ta' detezzjoni u rimi
- L-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar profonda bejn l-UE, l-Istati Membri Artiċi tagħha u l-Istati Artiċi tal-istess fehma
- Proġett pilota għal flotta Ewropea tad-droni mingħajr bdot abbord(UxV), mgħammra (tal-wieċċ, ta' taħt l-ilma u tal-ispazju) b'sistemi u teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qafas tas-Sħubijiet Strateġiċi u Komprensivi mal-pajjiżi sħab fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani

## **7. Governanza internazzjonali tal-oċeani u diplomazija msaħħa dwar l-oċeani**

Inkorporata bis-sħiħ fl-isforzi tad-diplomazija ekoloġika tal-UE u fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-impenji globali b'mod partikolari fil-kuntest tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, id-diplomazija Ewropea dwar l-oċeani se tintensifika l-azzjonijiet biex tipproteġi l-oċeani, kif ukoll tissalvagwardja u tippromwovi l-interessi u l-valuri tal-UE dwar l-affarijiet tal-oċeani, filwaqt li tibni r-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi, kulturali u xjentifiċi effettivi li huma relatati mal-oċeani, ma' pajjiżi, nazzjonijiet u organizzazzjonijiet rilevanti. **Sħubijiet internazzjonali aktar b'saħħithom** u l-promozzjoni ta' diplomazija u eżiti multilaterali huma aktar importanti minn qatt qabel. Dawn huma meħtieġa għall-protezzjoni u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi tal-baħar, speċjalment fis-sajd fejn l-isforzi biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi internazzjonali aħjar u aktar ġusti **se jgħinu kemm is-sajd tal-UE kif ukoll is-sostenibbiltà globali**<sup>31</sup>.

### **7.1. Il-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani**

L-UE hija impenjata li tirrispetta d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u li ssaħħaħ **l-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli** ta' benefiċċju għan-nazzjonijiet u l-popli kollha billi tiġi organizzata

<sup>31</sup>Għal dawn ir-referenzi u referenzi oħra għall-UE f'dan il-kapitolu, ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, 15973/22 tat-13 ta' Diċembru 2022.

governanza internazzjonali effettiva. L-UE se tuża l-influwenza diplomatika tagħha abbażi tal-ŻEE kumulattiva tagħha, is-suq kbir tal-frott tal-baħar u l-impenn għas-sostenibbiltà.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal kooperazzjoni globali, l-UE se tfittex li tpoġġi l-governanza tal-oċeani fuq quddiem nett tal-aġendi internazzjonali, u permezz ta' dan jiġu allinjati l-oqfsa legali internazzjonali u jitrawmu s-sħubijiet.

Il-Kummissjoni se tipprijoritizza u tamplifika l-azzjonijiet ewlenin li ġejjin:

- **ratifika rapida tal-Ftehim BBNJ<sup>32</sup>**, li tavanza d-dħul fis-seħħ rapidu tiegħu, tappoġġa l-implimentazzjoni tiegħu, u tiżgura li l-Ibħra Miftuħa jkunu rregolati b'mod sostenibbli.
- **Trattat Globali ambizzjuż dwar il-Plastik** biex jitrażżan it-tniġġis tal-oċeani u se jkun sieħeb u mexxej affidabbli li jinvolvi ruħu ma' partijiet oħra u jikkonkludi n-negozjati dwar it-trattat malajr kemm jista' jkun.

L-UE għandha tuża wkoll l-ingranaġġ diplomatiku u l-kapaċitajiet ta' sensibilizzazzjoni kollha tagħha biex tgħin li jintlaħaq ftehim dwar id-deżinjazzjoni ta' tliet **żoni marini protetti vasti fl-Oċean tan-Nofsinhar** bħala l-aħjar mod biex jiġu kkonservati l-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar uniku u verġni tal-Antartika. Barra minn hekk, l-UE ser tippromwovi l-protezzjoni ta' 30 % tal-Ibħra Miftuħa sal-2030. L-UE qed tittrasponi l-ftehim BBNJ fil-liġi tal-UE<sup>33</sup> biex tiżgura l-konformità mal-ftehim.

Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-**pożizzjoni prekawzjonarja tagħha dwar l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar**, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa għal aktar riċerka dwar l-impatti potenzjali tagħha fuq l-ambjent, il-bijodiversità u dawk soċjoekonomiċi. Sakemm ikun hemm biżżejjed evidenza xjentifika disponibbli biex tikkonferma li l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar ma toħloq l-ebda theddida għall-ekosistemi tal-baħar, il-Kummissjoni tappella għal pawża prekawzjonarja u tappella lill-Kunsill biex jikkonferma dan l-approċċ. Il-Kummissjoni se tippromwovi approċċ ibbażat fuq ir-regoli fl-Awtorità Internazzjonali dwar Qieġh il-Baħar (ISA).

**Il-Kummissjoni hija impenjata li tissodisfa l-prinċipju ta' prekawzjoni** u l-ħtieġa li tiżgura bażi xjentifika adegwata li fuqha tiġġustifika tali attivitajiet u kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji u l-impatti assoċjati qabel ma tavanza b'teknoloġiji emerġenti li jintervjenu f'ambjenti tal-baħar għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-**ġeoinginerija tal-baħar** u t-teknoloġiji tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju<sup>34</sup>.

L-UE tirrakkomanda **Pjattaforma Internazzjonali għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani (IPOS)**, imfassla biex issaħħaħ l-interfaċċa bejn ix-xjenza u l-politika<sup>35</sup>. L-IPOS se tixpruna t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, issaħħaħ l-għarfien u l-fehim globali tas-sistemi tal-oċeani biex tippermetti protezzjoni aktar effettiva u ġestjoni aktar sostenibbli. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll inizjattivi għal aktar kooperazzjoni xjentifika bħall-**Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku (AAORIA)**.

<sup>32</sup> [Il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali](#)

<sup>33</sup> Ara l-proposta għal Direttiva dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, COM (2025) 173 final tal-24.4.2025.

<sup>34</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani tal-UE, [JOIN\(2022\) 28 final](#).

<sup>35</sup> Ara n-nota 31 f'qiegħ il-paġna

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora kif tista' ttejjeb is-**sostenibbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati** skont ir-reġim tal-Kwota Tariffarja Awtonoma (ATQ).
- **Biex titnaqqas il-qabda aċċidentali tal-fkieren tal-baħar** fl-2026, il-Kummissjoni beħsiebha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar (TED) li għandu jintuża mill-flotta tal-UE fis-sajd għall-gambli tropikali tal-Atlantiku tal-Punent u tal-Oċean Indjan. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-effettività ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda qabel ma jiġu kkunsidrati passi ulterjuri internament jew fil-livell internazzjonali.
- Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tftitex ir-**ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa ta' strumenti internazzjonali** bħall-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji tas-Sajd dwar il-projbizzjoni ta' sussidji dannużi, il-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-baħħara u s-sajjieda u l-Istandards tas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd stabbiliti skont l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI).
- Fis-sajd, il-Kummissjoni se tintensifika l-isforzi biex **tindirizza l-isfidi b' "bnadar ta' konvenjenza"**, filwaqt li tiżgura t-trasparenza fl-istrutturi tas-sajjieda tal-bastimenti tas-sajd biex dawk responsabbli għall-prattiki illegali fl-industrija marittima, inkluż is-sajd u l-ġestjoni ambjentali, jinżammu responsabbli. Dan se jibni fuq ir-riżultati ta' studju li għaddej bħalissa.
- L-UE tmexxi u tippromwovi b'mod attiv **iż-żamma ta' standards għoljin ta' sostenibbiltà fil-ġestjoni tas-sajd** fi ħdan l-**Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)**, speċjalment fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU.
- Il-Kummissjoni se tippromwovi **ġenerazzjoni ġdida ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)** li jallinjaw mal-istrateġiji u l-prijoritajiet reġjonali usa' tal-UE, b'mod partikolari għall-Afrika u l-Indo-Paċifiku, biex jikkontribwixxu għal approċċ koerenti tal-UE għas-sajd sostenibbli u l-governanza tal-oċeani.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu qbil politiku proviżorju dwar l-emenda proposta mill-Kummissjoni għar-Regolament 1026/2012 li għandha l-għan li tindirizza **prattiki tas-sajd mhux sostenibbli**. Dan jirrifletti l-impenn tal-UE li trawwem il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-istokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tingrana s-saħħa tagħha fis-suq biex tippromwovi s-sajd sostenibbli.

L-UE ser tkompli tmexxi bl-eżempju permezz tal-approċċ tagħha ta' **tolleranza zero għas-sajd Illegali, mhux Irrappurtat u mhux Irregolat (IUU)**<sup>36</sup> abbażi ta' djalogi ma' pajjiżi terzi u s-sistema IUU ta' ħruġ ta' karti. B'mod partikolari, se tingrana l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid tal-UE (CATCH) li għandha l-għan li tissalvagwardja s-suq tal-UE minn prodotti tas-sajd IUU.

**Id-diġitalizzazzjoni tal-CATCH (IT CATCH)**, li se ssir obligatorja minn Jannar 2026, hija inizjattiva ewlenija tal-UE fil-ġlieda globali kontra s-sajd IUU. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri tal-UE se jsaħħu u jarmonizzaw il-kontrolli u l-azzjonijiet tal-importazzjoni tagħhom biex jiżguraw il-legalità tal-prodotti tas-sajd imqiegħda fis-suq Ewropew. Jenħtieġ li tingħata

---

<sup>36</sup>Ara n-nota 31 f'qiegħ il-paġna

attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi, li huma esposti għal kompetizzjoni inġusta u sajd illegali minn pajjiżi terzi ġirien.

L-UE ser tkompli timpenja ruħha għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Port u tippromwovi l-implimentazzjoni tar-**regoli aġġornati tagħha dwar il-kontroll tas-sajd fix-xena globali**<sup>37</sup>.

Fl-2026, il-Kummissjoni se ttejjji **Komunikazzjoni dwar approċċ strateġiku ġdid għall-azzjoni esterna tas-sajd tal-UE** li fiha se tiddeskrivi **dawn l-sforzi tal-UE**. L-approċċ se jkollu l-għan li jagħlaq il-lakuni fil-governanza globali tas-sajd u jsaħħaħ l-impenn tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani.

## 7.2. Id-diplomazija strateġika dwar l-oċeani adatta għall-iskop tagħha

**L-UE hija attur diplomatiku ewlieni fl-oċean, li tirrappreżenta l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.** L-iżgurar tal-governanza sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani, b'mod partikolari s-sajd, se jirrikjedi kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE, il-pajjiżi terzi u l-atturi globali. In-network tal-UE ta' impenji bilaterali u inizjattivi strateġiċi ma' sħab f'reġjuni bħall-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, l-Artiku, l-Afrika u l-Indo-Paċifiku se jgħin biex j avvanza l-governanza tal-oċeani u l-iżvilupp ekonomiku blu sostenibbli globalment. L-involviment fid-diplomazija dwar il-klima fil-livell globali huwa essenzjali għar-restawr tas-saħħa tal-oċean. Is-SIDS (stati gżejjer zġhar li qed jiżviluppaw) b'mod partikolari huma alleati mill-qrib fin-negozjati fil-qafas tal-proċess tal-COP, peress li huma wkoll affettwati direttament mill-effetti tat-tibdil fil-klima.

Il-Kummissjoni se tressaq l-azzjonijiet ta' prijorità li ġejjin:

- **Il-Kummissjoni se tadotta approċċ ta' pajsaġġ tal-baħar** biex tiżgura impatt effettiv u sinerġija fl-avvanz tal-governanza sostenibbli u l-konservazzjoni tal-oċeani, u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi sħab. Se tidentifika l-oqsma ewlenin li għandhom jiġu kkonservati, timmappja l-partijiet ikkonċernati u tqis bis-sħiħ l-attivitajiet li jaffettwawhom, u tindirizza l-interazzjonijiet fis-sistema kollha.
- L-objettiv tal-Kummissjoni se jkun ukoll li tikkonferma l-impenn tagħha għas-**sħubija UE-Afrika** billi tafferma mill-ġdid il-kooperazzjoni tagħna dwar l-ekonomija blu sostenibbli, li tagħti kontribut vitali għall-ekonomija, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, u għall-iżvilupp sostenibbli taż-żewġ kontinenti.

L-UE se tuża l-mezzi diplomatiċi tagħha biex timbotta l-kwistjonijiet dwar l-oċeani permezz tal-aġendi politiċi internazzjonali inkluż il-G7 u l-G20. L-UE ttenni l-impenn qawwi tagħha lejn id-djalogu annwali dwar l-oċeani u l-klima b'mandat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC biex j avvanzaw il-kwistjonijiet tal-oċeani u tal-klima kemm fi ħdan l-UNFCCC kif ukoll fil-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fid-dawl tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' NDCs u tar-Rendikont Globali li jmiss.

Id-diplomazija Ewropea dwar l-oċeani se tippromwovi l-aderenza mal-**istandards ta' governanza internazzjonali** relatati mal-ġestjoni tas-sajd filwaqt li tassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-ratifika u fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali ewlenin, fil-protezzjoni tal-bijodiversità, fir-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u fl-ilħuq tal-SDGs,

---

<sup>37</sup>Ara n-nota 31 f'qiegħ il-paġna

b'mod partikolari l-SDG 14. L-UE se tkompli tappoġġa t-tkabbir soċjoekonomiku sostenibbli tal-pajjiżi sħab permezz ta' strateġiji bħall-Global Gateway, filwaqt li tiżgura li s-sajd, l-akkwakultura u l-attivitajiet oħra relatati mal-oċeani jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u l-bini tal-kapaċità madwar id-dinja. Biex l-oġettivi tal-UE skont il-Patt għall-Oċeani jiġu appoġġati mill-Grupp tal-BEI, il-Global Gateway qed tiġi ingranata biex tippromwovi investimenti mmirati f'pajjiżi sħab bil-għan li tiġi indirizzata il-governanza tal-oċeani, l-ekonomija blu sostenibbli u l-azzjoni klimatika. Dawn jinkludu inizjattivi ewlenin bħall-appoġġ għall-Kurituri tat-Tbaħħir Ekoloġiku, il-promozzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, u l-inizjattiva biex l-influss tas-sargassu komuni jiġi ttrasformat f'opportunita' għal innovazzjoni ċirkolari u tkabbir sostenibbli fil-komunitajiet kostali.

Minbarra li huma l-akbar donatur globalment, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donatur globali għall-Ibħra Internazzjonali. L-UE tilqa' l-progress skont il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika dwar il-mobilizzazzjoni tal-fondi meħtieġa għall-protezzjoni tal-bijodiversità, biex jintlaħqu l-miri ta' azzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (KMGBF), u biex jonqos id-distakk fil-finanzjament globali tal-bijodiversità, inkluż fl-oċeani.

#### **Azzjonijiet Ewlenin:**

- Il-Komunikazzjoni dwar approċċ strateġiku għall-azzjoni esterna tas-sajd tal-UE, inkluża ġenerazzjoni ġdida ta' SFPAs
- L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-emenda għar-Regolament Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli
- Ir-ratifika u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ftehim BBNJ u l-appoġġ għall-implimentazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-kontribuzzjoni ta' €40 miljun għall-Programm Globali tal-Oċeani
- Id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni tal-fażi 1 tal-ftehim tad-WTO dwar il-projbizzjoni ta' sussidji tas-sajd dannużi u l-konklużjoni tan-negozjati tal-fażi 2 dwar regoli addizzjonali pendenti biex jiġu rregolati s-sussidji li jinċentivaw is-sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda
- L-użu obligatorju, minn Jannar 2026, tal-l-IT CATCH, l-iskema diġitalizzata ta' ċertifikazzjoni tal-qabda tal-UE, biex tikkomplementa s-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra s-sajd IUU
- Il-pilotaġġ ta' Pjattaforma Internazzjonali għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani
- Il-promozzjoni ta' żoni protetti fl-Oċean tan-Nofsinhar

## **8. Il-Passi li Jmiss**

Fid-dawl tal-kriżi planetarja tripla tal-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, kif ukoll it-tensjonijiet ġeopolitiċi, l-UE jeħtiġilha taġixxi b'determinazzjoni biex tissalvagwardja l-oċean tagħna u l-futur marittimu tagħha. Billi timmobilizza l-firxa sħiħa ta' għodod u sħubijiet għad-dispożizzjoni tagħha, l-UE tista' tmexxi bl-eżempju bil-ħolqien ta' spazju tal-oċeani aktar reżiljenti, użat b'mod sostenibbli u sigur.

Il-Patt għall-Oċeani jiddeskrivi rispons strateġiku u kkoordinat. Jiġbor flimkien ir-riformi ta' governanza, l-innovazzjoni, l-investment, u d-diplomazija internazzjonali taħt viżjoni unifikata għas-saħħa, is-sostenibbiltà u l-prosperità tal-oċeani.

Dan il-Patt mhuwiex biss pjan direzzjonali — huwa sejħa għal azzjoni u responsabbiltà. Flimkien, se niżguraw ir-rwol tal-oċean bħala r-regolatur tal-klima tad-dinja u l-alleat fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-habitats tiegħu bħala l-ġid tal-pjaneta tagħna, mutur ekonomiku, u wirt kondiviż għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Il-Kummissjoni se taħdem id f'id mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati, u s-sħab internazzjonali biex jinkisbu riżultati konkreti.

**Anness: Il-miri relatati mal-oċeani fil-leġiżlazzjoni u l-politika tal-UE<sup>38</sup>**

<b>Objettiv</b>	<b>Vinkolanti/ aspirattiv</b>	<b>Sors</b>
Status ambjentali tajjeb (GES) tal-ilmijiet tal-baħar sal-2020. L-Istati Membri jridu jadottaw strateġiji marini nazzjonali sabiex jiksbu, jew iżommu GES. Jintroduċu l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema bħala prinċipju vinkolanti għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar tal-UE.	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina</a>
Żgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ġestjoni tat-tipi ta' sajd li huma ffukati fuq dawn ir-riżorsi. Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet kollha tal-ħut sal-2020.	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd</a>
30 % tal-baħar tal-UE protett sal-2030, li minnu 10 % għandu jiġi protett b'mod strett.	Aspirattiv	<a href="#">L-Istrateġija għall-Bijodiversità</a>
Tappoġġa l-istrateġija għall-bijodiversità billi timmira li tikkontribwixxi għall-kisba u ż-żamma tal-istokkijiet tal-ħut f'livelli sostenibbli, tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq qiegħ il-baħar u timminimizza l-impatti tas-sajd fuq speċijiet sensittivi billi telimina gradwalment is-sajd tal-qiegħ fl-MPAs sal-2030, ittejjeb is-selettività, tiproteġi speċijiet sensittivi, tappoġġa s-settur tas-sajd, u ssaħħaħ ir-riċerka, l-implimentazzjoni, il-governanza, u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati.	Aspirattiv	<a href="#">Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti</a>
Mill-inqas 20 % taż-żoni tal-baħar tal-UE jridu jiġu restawrati sal-2030 u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr sa nofs l-2026.	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura</a>
Installazzjoni ta' ~ 111 GW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta sal-2030 u ~ 317 GW sal-2050, li minnhom 100 MW ta' kapaċità ta' enerġija mill-oċeani sal-2027 u 1 GW sal-bidu tal-2030.	Aspirattiv	<a href="#">Il-Komunikazzjoni dwar it-“Tweqqig tal-ambizzjonijiet tal-UE rigward l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta”</a>
L-Istati Membri għandhom jikkonkludu ftehim mhux vinkolanti biex għall-kooperazzjoni dwar l-għanijiet għall-ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha tintuża f'kull baċir tal-baħar sal-2050	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament TEN-E</a>
88 GW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta sal-2030 u 360 GW sal-2050	Aspirattiv	
Mira globali tal-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 42.5 % sal-2030 (għan mhux vinkolanti ta' 45 %). L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-informazzjoni dwar is-sejthiet għall-offerti ppjanati u liema volumi ta'	Vinkolanti	<a href="#">RED III</a>

<sup>38</sup>Il-lista tista' tiġi kkomplimentata.

enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta qed jippjanaw li jiksbu.		
Miżuri li jappoġġaw il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 — l-integrazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-sajd u l-akkwakultura, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-tiġid tas-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika, l-allinjament mal-għanijiet tal-biodiversità u t-tniġġis, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-karrieri, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-promozzjoni tal-kollaborazzjoni internazzjonali.	Aspirattiv	<a href="#">Il-Komunikazzjoni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE</a>
Newtralità klimatika fl-UE sal-2050, mira intermedja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b' mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.	Vinkolanti	<a href="#">Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima</a>
Miri għall-varar ta' provvista tal-elettriku mix-xatt għal vapuri akbar tal-kontejners u tal-passiġġieri li jbaħħru fil-portijiet marittimi u għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi AFIR</a>
Il-limiti massimi għall-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapuri ta' aktar minn 5,000 tonnellaġġ gross li jidħlu fil-portijiet Ewropej, irrISPETTIVAMENT mill-bandiera — tnaqqis ta' 2 % sal-2025 u tnaqqis ta' 80 % sal-2050. Il-vapuri tal-passiġġieri u tal-kontejners għandhom jużaw provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) jew teknoloġiji alternattivi b'emissjonijiet zero mill-1 ta' Jannar 2030 'il quddiem fil-portijiet koperti skont l-Artikolu 9 tal- <a href="#">AFIR</a> , u mill-1 ta' Jannar 2035 fil-portijiet kollha tal-UE li jiżviluppaw il-kapaċità tal-OPS.	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament FUEU Maritime</a>
Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ għandhom jiżguraw l-immaniġġjar xieraq tal-iskart u li r-riċiklaġġ tal-vapuri jipprevjeni l-iskariku ta' sustanzi perikolużi fil-baħar. Jeħtieġ Inventarju ta' Materjali Perikolużi għall-ġestjoni ta' sustanzi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjenti tal-baħar u li tiġi stabbilta Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti</a>
Projbizzjoni ta' ċerti oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss, eż. straws & pożati. Ġbir ta' 77 % tal-fliexken tal-plastik sal-2025 & 90 % sal-2029.	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss</a>
Tnaqqis kwantitattiv fil-konsum ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mill-Istati Membri sal-2026 meta mqabbel mal-2022.	Aspirattiv	
Sal-2030, l-UE għandha tnaqqas l-iskart tal-plastik fil-baħar b'50 % u l-mikroplastiks bi 30 % u tnaqqas it-telf tan-nutrijenti, l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi, l-użu ta' dawk l-aktar perikolużi, u l-bejgħ ta' antimikrobiċi għall-annimali tal-irziezet u fl-akkwakultura b'50 %.	Aspirattiv	<a href="#">Il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Zero</a>
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu n-network ta' Natura 2000 ta' siti protetti biex jiżguraw li l-aktar tipi	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva dwar l-Għasafar</a>

ta' habitats naturali ta' valur u ta' habitats tal-ispeċijiet madwar l-UE jinżammu f'kundizzjoni tajba jew, fejn xieraq, jiġu ripristinati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.		<a href="#">Id-Direttiva dwar il-Habitats</a>
L-Istati Membri għandhom jużaw il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara (RBMPs) u l-Programmi ta' Miżuri tagħhom biex jipproteġu u, fejn meħtieġ, jirrestawraw il-korpi tal-ilma biex jintlaħaq status tajjeb, u biex jipprevjenu d-deterjorament (status kimiku u ekoloġiku tajjeb)	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma</a>
L-Istati Membri għandhom inaqqsu t-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati użati fl-agrikoltura billi jiddeżinjaw żoni vulnerabbli għan-nitrati, jimmonitorjaw il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati tal-korpi tal-ilma u jistabbilixxu kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva dwar in-Nitrati</a>
L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fl-ibħra territorjali tagħhom, fiż-ŻEE u fiż-żoni ta' kontroll tat-tniġġis barra mill-Baħar Baltiku u fiż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet (ECAs) tal-Baħar tat-Tramuntana jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż 0.50 %, u fi ħdan l-ECA jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż 0.10 %	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva dwar il-Kubrit</a>
L-Istati Membri huma meħtieġa jimmonitorjaw u jivvalutaw l-ilma għall-għawm.	Vinkolanti	<a href="#">Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Ilma għall-Għawm</a>
Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS, li jingħata kontribut għal suq effiċjenti u trasparenti, jiġu regolati l-organizzazzjonijiet professjonali, l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, l-informazzjoni għall-konsumatur, ir-regoli tal-kompetizzjoni u l-intelliġenza dwar is-suq	Vinkolanti	<a href="#">OKS</a>
L-Istati Membri huma meħtieġa jipprevjenu, jimminimizzaw u jimmitigaw l-impatt negattiv fuq il-biodiversità tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni, kemm intenzjonati kif ukoll mhux intenzjonati, ta' speċijiet aljeni invażivi.	Vinkolanti	<a href="#">Ir-Regolament dwar l-Ispeċijiet Aljeni Invażivi</a>
Permezz tal-mira għall-2030, il-Missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna" għandha l-għan li ttiproteġi u tirrestawra s-saħħa tal-oċeani u l-ilmijiet tagħna permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-involviment taċ-ċittadini u l-investimenti blu. L-approċċ sistemiku l-ġdid tal-missjoni se jindirizza l-oċeani u l-ilmijiet bħala aspett wieħed u se jaqdi rwol ewlieni fil-kisba tan-newtralità klimatika u tar-restawr tan-natura.	Aspirattiv	<a href="#">Il-Missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"</a>

